MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 327/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Grech)**

**Vs**
David Borg

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer :**
**1) fit-30 ta' Jannar, 2006 għall-ħabta tad-9.00 p.m. u fix-xhur ta' qabel, waqt li kien fi Triq it-Tlitt Ibliet, Bormla, mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli, xtara jew irċieva minn għand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew fil-pussess tiegħu żewġ biljetti tal-flus falsifikati tal-kambju ta' Lm2**

**(żewġ liri Maltin) li kien jaf li kienu falsifikati u dan bi ksur ta’ l-artikolu 46 tal-Kap. 204 al-Liġijiet ta’ Malta;**
**2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorita’ legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli għamel użu jew xjentement kellu fil-kustodja tiegħu jew pussess tiegħu xi karti maħsuba biex jixbħu u biex jgħaddu bħala karta speċjali (Lm2) bħala dik provduta w użata għal għemil ta’ xi biljetti tal-flus jew karta speċjali tali w dan bi ksur ta’ l-artikolu 47 tal-Kap. 204 tal-Liġijiet ta’ Malta;**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 t' Ottubru , 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 17(h) u 28A tal-Kap. 9, 46 u 47 tal-Kap. 204, ir-regolament 127 tal-Motor Vehicle Regulations (S.L. 65 II) u l-artikolu 55 (1) proviso tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu ghal tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, kif ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ tletin lira Maltija (LM30).
Il-Qorti ordnat il-konfiska w id-distruzzjoni tal-esebiti taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t’ Ottubru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fuq indikata billi tikkonfermaha fl-intier taghha hlief ghal piena b'dan li tirriduci l-piena nflitta fuq l-appellant ghal wahda li tirrispekkja l-fatti w ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor kienu s-segwenti w cioe’ : illi l-appellant hassu aggravat bil-piena moghtija fis-sentenza appellata u ghalhekk ressaq appell minnha limitatament ghal dak illi jirrigwarda l-piena.

Illi mkien ma hemm imsemmi fis-sentenza illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni, ghall-fini ta’ piena l-fatt :
a. li l-imputat irregistra ammissjoni mall-ewwel u evita li ssir l-kumpilazzjoni;
b. li kellu fedina penali netta w

c. li l-kaz kien jitratta biss zewg karti ta’ zewg liri li kienu manifestament foloz.

Illi mis-sentenza jirrizulta car ili l-Qorti ma haditx dawn il-fatti in konsiderazzjoni ghall-fini ta’ piena w ittrattat lill-appellant daqs li kieku kellu fedina penali mill-aktar mahmuga.

Illi fic-cirkostanzi piena ta’ almenu multa w liberazzjoni taht kondizzjoni (Art. 22 Kap. 446) kienet tkun adegwata.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**
Semghet it-trattazzjoni.

Rat il-verbal tal-lum li bih l-Avukat Prosekutur irrileva li filwaqt li fil-“charge sheet” u akkuza originali l-akkuzat appellant kien gie akkuzat biss ta’ zewg imputazzjonijiet, b’xi mod mhux spjegat, fis-sentenza appellata ssemmiet it-tielet imputazzjoni u cioe’ dik ta’ sewqan b’giri iktar milli jmissu meta fil-fatt ma kienx hemm akkuza dwar dan. Ghalhekk talab illi din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata w terga tibghata lill-Ewwel Qorti biex tinghata sentenza biss fuq l-akkuzi li attwalment gew dedotti kontra l-appellant.

Rat illi l-Avukat difensur Dr. Pierre Lofaro aderixxa ma’ din is-sottomissjoni.

Ikkonsidrat;

Illi jidher ovvju li b’xi zball x’aktarx mad-dattilografar tas-sentenza appellata mill-iskrivan tal-Awla, dahlet mall-akkuzi dedotti kontra l-appellant akkuza ohra li ma kienitx fic-“charge sheet” originali, u li ma jirrizultax li giet mizjuda wara mill-atti processwali.  Illi dan jammonta ghal irregolarita’ procedurali u peress illi lanqas sar appell minn dan il-fatt, din il-Qorti ma tistax tirrimedja din l-irregolarita’ hi stess.

Ghalhekk l-uniku rimmedju li fadlilha huwa dak li qablu fuqu l-partijiet u cioe’ li tannulla s-sentenza appellata w

tordna li l-atti tal-process jergghu jintbaghatu lill-Ewwel Qorti sabiex terga tinghata sentenza li tkun tirrifletti verament u biss l-akkuzi li l-appellant kien qed jiffaccja quddiemha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------